MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 234/2012

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Formula A ipprezentata fis-27 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema XXX jitlob revizjoni ta' l-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud stante li l-ammont ta' taxxa pretiz mill-Kummissarju ma huwiex dovut;

Ra d-dokumenti annessi mal-Formula A, senjatament iccertifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Philip Sciortino fit-22 ta' Gunju 2011, l-ittra datata 20 ta' Gunju 2011 u l-ittra datata 18 ta' Dicembru 2010;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghat-talba ta' l-appellant

u jitlob li l-istess tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) l-appellant ma ntavolax l-appell lill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fiz-zmien preskritt fis-subregola (4)(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta billi huwa tardiv b'iktar minn hames xhur, u dan skond kif jirrizulta mill-AR Card tal-Posta annessa mar-Risposta bhala Dok. "A"; u (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-istimi huma gusti u jimmeritaw konferma;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, senjatament l-AR Card tal-Posta, l-ittra datata 3 ta' Dicembru 2010 u r-rapport mahrug mit-Tax Compliance Unit datat 31 ta' Mejju 2010;

Ra li l-appellant, ghalkemm notifikat bl-avviz tar-Riappuntament ta' l-Appell quddiem dan it-Tribunal, ma deherx ghas-seduti mizmuma mit-Tribunal;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012;

Ra li ghalkemm il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), kellu jesebixxi l-istimi mahruga kontra l-appellant sas-7 ta' Jannar 2013, dawn l-istimi ma gewx esebiti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'Formula A ipprezentata fis-27 ta' Gunju 2011, l-appellant appella quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'Dicembru 2010, stante li skontu t-taxxa pretiza mill-Kummissarju ma hijiex minnu dovuta. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jikkontesta t-talba ta' l-appellant in kwantu: (i) l-appell tieghu huwa tardiv peress illi gie ipprezentat iktar minn hames xhur wara n-notifika lilu ta' l-istmi kontestati u cioè ben oltre t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fir-Regola

4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) kuntrarjament ghal dak pretiz mill-appellant, l-istimi kontestati huma gusti u jimmeritaw li jigu kkonfermati.

B'effett mill-1 ta' April 2012 il-kompetenza vestita fil-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud giet vestita fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u ai termini ta' l-Artikolu 48A(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta *kull appell pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud imwaqqaf permezz ta' dan l-Att qabel ma tnehha ghandhom jibqghu jinstemghu quddiem it-Tribunal*[1] *u kull appell li permezz ta' dan l-Att seta' jsir quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jsir quddiem it-Tribunal*. Ghalhekk l-appell interpost mill-appellant XXX quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum ghandu jitkompla quddiem u jigi determinat minn dan it-Tribunal.

Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribuinal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza, kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-fehma tat-Tribunal huwa opportun li fil-kaz in ezami tigi trattata u deciza l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), qabel ma jigi trattat il-mertu ta' l-appell. Dana qed jinghad fid-dawl tal-kumplessità li normalment tikkarattesrizza l-mertu ta' proceduri ta' natura fiskali. In effetti tali proceduri jinvolvu ammont ta' xhieda u provi apprezzabbli, u per konsegwenza certu tul fis-smigh tal-proceduri, li jkun sar ghal kollox inutilment kemm-il darba l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kellha tirrizulta gustifikata.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk b'din is-sentenza t-Tribunal se jittratta u jiddeciedi l-eccezzjoni tat-tardività ta' l-appell

[1] Sottolinear tat-Tribunal.

sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

Mill-atti processwali jirrizulta li f'Dicembru 2010 – senjatament fis-**7 ta' Dicembru 2010**[2] – l-appellant gie notifikat bi stimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. B'**ittra datata 18 ta' Dicembru 2010** l-appellant gharraf il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kien qed joggezzjona ghall-istimi mahruga kontra tieghu in kwantu ezagerati w esprima l-intenzjoni li jappella minnhom. B'**ittra ohra datata 20 ta' Gunju 2011**, certu Raymond Demicoli ghan-nom ta' XXX, gharraf lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li XXX *bhalissa ghaddej minn kura minhabba depression li dahal fiha minhabba dan il-kaz li fl-opinjoni umli tieghi nahseb li dahal fiha bla htija. XXX fit-18 ta' Dicembru 2010 kien kiteb ittra bl-ghajnuna ta' ohtu fejn talab lid-Dipartiment li jidher quddiem il-board rigward assessment li kien inbghatlu ghaliex ma kienx jaf il-procedura li jkun hemm bzonn. Dan l-ahhar kellimni missieru u qalli biex nicekjalu ftit is-sitwazzjoni mal-Vat u sibt li m'ghandux talba quddiem il-Board, min-naha tad-Dipartiment l-ittra qatt ma giet irrisponduta u qalulu x'inhi l-procedura. Ma' din l-ittra qieghed nehmez kopja ta' l-ittra datata 18 ta' Dicembru 2010 li XXX kont baghat lid-Dipartiment tal-Vat li fha kien talab li jixtieq li nappella quddiem il-Board. Ma' din l-ittra wkoll qieghed nibghat kopja ta' certifikat mediku. … Fil-waqt li nixtieq niskuza ruhi minhabba inkonvenjenza li nista' naghmel lilkom nixtieq f'isem XXX li talba tieghu biex jidher quddiem il-Board tigi milqugha u jidher quddiem il-board biex jipprova jiggustifika fejn huwa possibbli l-kaz tieghu.* Fis-**27 ta' Gunju 2011** gietipprezentata l-Formula A li mehtieg ai termini tal-Ligi ghall-fini ta' appell minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ai termini tar-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – li kienet ir-Regola applikabbli fiz-zmien meta l-appellant ircieva l-istimi mahruga kontra

---

[2] AR Card tal-posta esebita mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud[3] - *appell kontra stima ma jkunx validu*[4] *kemm-il darba … l-appell ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrid isir l-appell*[5]. Huwa evidenti li bejn is-**7 ta' Dicembru 2010** – id-data tan-notifika lill-appellant bl-istimi kontestati – u s-**27 ta' Gunju 2011** – id-data meta giet ipprezentata l-Formula A ghall-finijiet ta' appell mill-istess stimi – ghaddew ferm iktar minn tletin gurnata, b'dana ghalhekk li l-appellant kjarament naqas milli josserva t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-finijiet tal-prezentata ta' appell minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

L-appellant, tramite l-ittra ta' Raymond Demicoli ta' l-20 ta' Gunju 2011, jirrikonoxxi li huwa pprezenta l-appell tieghu mill-istimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud wara t-terminu statutorju ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi, izda jikkontendi li l-prezentata ta' l-appell tieghu ghandha tigi accettata u l-istess appell ma jigix dikjarat tardiv ghaliex: (i) fiz-zmien meta ircieva l-istimi kontestati ma kienx jaf x'inhi l-procedura li jrid isegwi ghall-fini li jintavola appell mill-istess stimi u l-ittra tieghu lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 18 ta' Dicembru 2010, baqghet bla risposta; u ghaliex (ii) f'dak l-istess zmien kien qed jigi kkurat ghal *depression* li kellu minhabba l-problemi finanzjarji li sab ruhu fihom, skontu bla ebda htija tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal però il-gustifikazzjonijiet sollevati mill-appellant huma guridikament inamissibbli u konsegwentement, l-appell tieghu mill-istimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jigi dikjarat null in kwantu tardiv.

Jibda biex jigi osservat illi l-affermazzjoni ta' l-appellant li huwa ma kienx jaf xi procedura kellu jsegwi biex jappella mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma hijiex skuza valida biex jiggustifika il-fatt li pprezenta l-Formula A rikjesta mill-Ligi

---

[3] Illum ir-Regola applikabbli hija r-Regola 2 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.
[4] Sottolinear tat-Tribunal.
[5] Sottolinear tat-Tribunal.

ghall-finijiet ta' appell iktar minn hames xhur wara li gie notifikat bl-istimi. Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-principju ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li *ignorantia juris non excusat*. Lanqas ma hija gustifikazzjoni valida l-affermazzjoni ta' l-appellant li l-ittra tieghu tat-18 ta' Dicembru 2010 lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud baqghet bla risposta ghaliex fl-ahhar mill-ahhar kien fl-interess tieghu li jibqa' jsegwi l-kaz in kwistjoni ghall-fini li jirrispetta t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi, kif del resto lilu indikat fl-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 3 ta' Dicembru 2010.

Ghalkemm jidher illi l-appellant kien baghat ittra lill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud datata 18 ta' Dicembru 2010, fejn oggezzjona ghall-istimi mahruga kontra tieghu w esprima l-intenzjoni li ried jappella minn tali stimi, dik l-ittra qatt ma tista' titqies bhala appell validu ai termini tal-Ligi ghar-raguni li ma hijiex konformi ghall-procedura preskritta fil-Ligi fiskali, senjatament fir-Regolament 10(1) ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999 – li kien ir-Regolament applikabbli fiz-zmien pertinenti ghal dawn il-proceduri – li kien tassattivament jipprovdi li *appell minn stima ghandu jsir b'rikors fuq il-Formola A li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u ghandu jkun iffirmat mill-appellant jew mill-agent tieghu*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **John Azzopardi (J.A. Trading) v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 16/06** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-12 ta' April 2007, il-Qorti ta' l-Appell trattat sitwazzjoni simili ghal dik in ezami u fir-rigward ghamlet is-segwenti osservazzjoni: *apparti li mit-tfassil ta' dan l-istess Regolament* [f'dak il-kaz ir-Regolament 10 ta' l-Avviz Legali 50 ta' l-1996, li essenzjalment kien jipprovdi l-istess haga bhar-Regolament 10 ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999] *huwa ben car li tali procedura kienet hekk tassattiva w imperattiva fuq kull taxpayer li ried jimpunja l-istimi, huwa implicitu wkoll illi l-ligi ma riedetx thalli f'idejn it-taxpayer li jaghzel il-modalitajiet xort' ohra minn din ghalbiex jintroduci appell quddiem il-Bord. Kien ghalhekk ghal kollox inutili li l-*

*appellanti jippretendi li hu kien ressaq l-appell tieghu fiz-zmien preskritt ghaliex dik l-ittra tieghu tat-8 ta' Jannar 1997, li hu kien qed iqisha bhala oggezzjoni kontra l-istimi … ma setghet qatt isservi ta' sostituzzjoni ghal formalità rikjesta. Huwa veru li tali jista' jitqies bhala formalizmu rigoruz, izda kif drabi ohra ntqal, u wkoll ripetut, "l-inosservanza tal-precetti tassattivi tal-ligi procedurali lanqas tista' tkun tollerata minghajr konsegwenzi kaotici u dizaztruzi" (Kollez. Vol. XLI pI p137).*

Ghal kull buon fini jigi osservat li ghalkemm illum appell minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ma ghadux jigi pprezentat permezz tal-Formula A izda permezz ta' rikors li ghandu jsir fil-forma u bil-mod kif preskritt fl-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta[6], l-ittra tat-18 ta' Dicembru 2010 li l-appellant jikkontendi li baghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud xorta wahda ma tistax titqies bhala appell validu ai termini tal-Ligi, u dana billi din l-ittra kjarament ma hijiex konformi mal-forma u l-modalità preskritti fl-Artikolu 15 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta appuntu dwar il-forma u l-kontenut ta' rikors ipprezentat quddiem dan it-Tribunal.

Kif già osservat, fl-ittra ta' l-20 ta' Gunju 2011 issir referenza wkoll ghall-fatt – jew ahjar allegat fatt – illi l-appellant kien qed jigi kkurat ghal *depression* li qabditu minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja li intortament sab ruhu fiha u kien ghalhekk illi huwa naqas milli josserva t-terminu prefiss fil-Ligi ghall-prezentata ta' appell mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Huwa evidenti li b'din l-asserzjoni jew ahjar allegazzjoni, l-appellant qed jinvoka l-iskuzanti ta' l-impediment legittimu biex jipprova jissana l-appell minnu interpost mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. It-Tribunal josserva però illi fir-rigward ta' termini prefissi mill-Ligi ghall-fini ta' prezentata ta' appell minn decizjoni – sia ta'

---

6 Regola 2(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.

awtorità pubblika bhal fil-kaz in ezami jew inkella ta' Qorti jew Tribunal – tali skuzanti hija guridikament insostenibbli.

Fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Mercieca v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 8/05** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-25 ta' Jannar 2006, Carmel Mercieca ipprova jiggustifika l-inosservanza da parte tieghu tat-terminu prefiss fil-Ligi ghall-prezentata ta' appell minn stimi mahruga kontrih mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-motiv ta' impediment legittimu konsistenti f'mard gravi. Il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx l-iskuzanti minnu sollevata u fir-rigward osservat illi *t-termini, legalment imposti jew kontrattwalment akkordati, huma dejjem, u f'kollox, ta' massima importanza. Mill-punto di vista ta' l-ordinament procedruali taghna t-termini "huma jew gudizzjarji, li billi huma imposti mill-ligi jissejhu wkoll legali jew gudizzjali, li huma dawk it-termini li timponi l-Qorti" (Joseph Tabone nomine v. John Mousu proprio et nomine" Appell Kummercjali, 6 ta' Lulju 1993). It-termini gudizzjarji, li jikkoncernaw a propozitu il-kaz taht ezami, huma, imbaghad, klassifikati bhala perentorji jew ordinatorji. Il-Ligi taghna donnha tohloq presunzjoni tal-karattru ordinatorju ta' dawn it-termini legali. Dan kif desumibbli minn ezami ta' certi disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament l-Artikolu 106 tieghu. Naturalment anke jekk ma jkunx jinghad expressis li certu terminu hu wiehed perentorju dan il-karattru jista' jitnissel aliunde anke mill-effetti li jipproduci d-dekors tat-terminu dipendenti, s'intendi, mis-sanzjoni espressa fin-norma li tkun. Ara, ad ezempju, Artikolu 963 tal-Kapitolu 12. Anke jekk b'riflessjoni ghall-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll, titqies valida l-enuncjazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni riportata a Vol. XXIV pI p276: Secondo I principii di diritto quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine anziche di prescrizione è termine di decadenza nel senso che decorso quell termine quell'atto non sarebbe più ammissibilie. Ghandu jinghad ukoll illi terminu legali perentorju ma jistax jiggedded jew, b'xi mod sanata n-nuqqas ta' l-osservanza tieghu. Hu inerenti ghan-natura*

*stess ta' terminu bhal dan l-inderogabilità tieghu w allura dan ma jistax jircievi sanatorja jew rimessjoni fit-terminu tkun xi tkun ir-raguni. Fi kliem iehor it-terminu perentorju ma jsitax jigi prorogat, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet. Dik il-proroga hi possibbli biss ope legis bhal fil-kaz fejn l-ahhar jum ghall-prezentata ta' att ikun jum tas-Sibt jew tal-Hadd jew jum ta' festa. Ara "Dimech Enterprises Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" Appell, 23 ta' Gunju 2004. Jekk wiehed joqghod ghal dak li nghad s'issa ftit hemm dubju illi, minn kif koncepit l-artikolu rilevanti [Reg. 4(1)(d) tas-Sitt Skeda ta' l-Att XII ta' l-1994]* – fil-kaz in ezami r-Regola 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta – *it-terminu fih prefiss ghall-appell kontra stime hu wiehed perentorju, u konsegwentement fatali, tant li l-kliem introduttivi tad-disposizzjoni jaffermaw illi jekk ma jkunx hemm l-osservanza tieghu, l-appell "ma jkunx validu". Ara, fost ohrajn, in tema sentenzi ta' din il-Qorti, kif presjeduta, in re: "Martin Briffa v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 24 ta' Novembru 2003 u "Blevins Franks International Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" 4 ta' Mejju 2005. Anke kieku stess però dak it-termini ta' tletin jum mid-data tan-notifika ta' l-avviz li kontrih isir l-appell, kellu jitqies terminu legali ordinatorju li, skond l-Artikolu 106, Kapitolu 12, jippermetti t-tigdid tieghu ghal raguni tajba, ma jirrizultax lanqas imbaghad, f'dan il-kaz illi talba bhal din saret "fiz-zmien li tieghu jintalab it-tigdid" ossija qabel l-iskadenza tat-terminu utili stabbilit ghall-appell (Kollez. Vol. XXXIII pI p321). Lanqas permezz ta' talba ad hoc fi procedura appozita ghar-restituzzjoni in integrum. Procedura din li jrid jinghad kienet permissibbli fi zminijiet imghoddija. Ara Kollez. Vol. XXIX pI p276 u Kollez. Vol. XXXIV pI p348. … anke kieku l-Qorti kellha toqghod fuq il-portata tac-certifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1998 (u mhux ukoll dak datat 19 ta' Mejju 2003 prezentat wara s-sentenza tal-Bord), li baqa' mhux konfermat, l-istess ikollu jinghad li din il-Qorti mhix konvinta li tista' tirrikonoxxi fih sitwazzjoni ta' 'raguni tajba", certa w objettiva li kienet talment timpedixxi lill-appellat mill-osservanza tat-terminu f'dak il-mument u ghal dik ir-raguni. Opportunement ghandu jigi mfajjar illi t-termini procedurali ma jistghu qatt jithallew fid-diskrezzjoni ta' xi wahda mill-partijiet jew, li hu aghar, jigu injorati minn*

*min hu msejjah biex jiggudika*. *Anke jekk mhux espressament riferibbli ghall-fattispeci tal-kaz de quo, il-Qorti taghmel taghha l-osservazzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni "Kummissarju tat-Taxx fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" 6 ta' Ottubru 2000, u cjoe, li "l-Qrati (u dan jghodd ukoll ghat-tribunali ta' kull speci) huma obbligati li japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgate mill-Parlament u ma ghandhom ebda diskrezzjoni la li jinjorawhom, la li jadottawhom b'mod approssimattiv skond kif jidhrilhom li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi, u wisq anqas li jissanzjonaw procedure li l-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu improvvizati, f'dawk ic-cirkustanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati w emaskolati proceduri ohra espressament provvduti bil-ligi".*

It-Tribunal huwa tal-fehma li dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija sentenza japplika ghall-kaz in ezami u fid-dawl ta' tali insenjament ghalhekk jichad l-iskuzanti ta' l-impediment legittimu invokata mill-appellant u mill-gdid jirribadixxi li l-appell minnu interpost mill-istimi mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), huwa null in kwantu pprezentat ben oltre t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u jiddikjara li l-appell ipprezentat mill-appellant fis-27 ta' Gunju 2011 huwa null in kwantu tardiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------